MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 491/2001/1

**Avviz Nru:- 491/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Johann Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tmien liri Maltin (Lm608) rapprezentanti import ta' tmien kambjali ta' sitta u sebghin liri Maltin (Lm76) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2001 jammontaw ghal sittax-il lira Maltin (Lm16), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota tas-socjeta' attrici permezz ta' liema rriduciet is-sorte ghas-somma ta' erbgha mija u tlett liri Maltin (Lm403) bl-imghax mis-6 ta' Lulju tas-sena 2001.

Il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u tlett liri Maltin (Lm403).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Lulju tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------